



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 14 ta' Novembru 2022
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0358(COD)

14741/22
ADD 3

TOUR 76
COMPET 895
IND 471
MI 820
CONSOM 290
TELECOM 456
DIGIT 203
DATAPROTECT 311
IA 186
CODEC 1741

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	7 ta' Novembru 2022
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	SWD(2022) 349 final
Suġġett:	DOKUMENT TA' HĊDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT [...] Li jakkumpanja d-dokument Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġbir u l-kondiviżjoni ta' data b'rabta mas-servizzi ta' kiri ta' akkomodazzjoni fuq medda qasira ta' żmien u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1724

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument SWD(2022) 349 final.

Mehmuż: SWD(2022) 349 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 7.11.2022
SWD(2022) 349 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

[\[...\]](#)

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
dwar il-ġbir u l-kondiviżjoni ta' data b'rabta mas-servizzi ta' kiri ta' akkomodazzjoni
fuq medda qasira ta' żmien u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1724

{COM(2022) 571 final} - {SEC(2022) 393 final} - {SWD(2022) 348 final} -
{SWD(2022) 350 final}

Skeda tas-Sommarju Eżekuttiv
Valutazzjoni tal-impatt dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġbir u l-kondiviżjoni tad-<i>data</i> relatata ma' servizzi ta' kiri ta' akkomodazzjoni għal terminu qasir u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1724
A. Ħtieġa li tittieħed azzjoni
X'inhi l-problema u għaliex hija problema fil-livell tal-UE?
Il-kirjiet ta' akkomodazzjonijiet għal terminu qasir (STRs) huma parti dejjem aktar importanti mis-settur tat-turiżmu. Jirrappreżentaw kważi kwart mill-provvista totali tal-UE ta' akkomodazzjoni turistica, u ngħataw spinta mill-feġġa tal-pjattaformi online. L-STRs joħolqu benefiċċji u opportunitajiet għall-klijenti, għall-ospitanti, u għall-ekosistema tat-turiżmu, iżda huma wkoll sors ta' tħassib, b'mod partikolari għall-komunitajiet lokali li jiffaċċjaw turiżmu eċċessiv u nuqqas ta' akkomodazzjoni affordabbli. L-awtoritajiet pubbliċi qegħdin jirregolaw dejjem aktar l-STRs, fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali, iżda n-nuqqas ta' <i>data</i> preċiża dwar l-STRs jagħmilha diffiċli għalihom li jiddefinixxu r-risponsi ta' politika u jinfurzaw ir-regoli. Fl-istess waqt, il-pjattaformi online ta' kull daqs qegħdin jiffaċċjaw dejjem aktar talbiet numerużi u diverġenti mill-awtoritajiet pubbliċi sabiex jaqsmu d-<i>data</i> dwar l-STRs u jintroduċu aktar trasparenza (eż. billi juru ċerta informazzjoni). Dan jimponi piż kbir fuq il-pjattaformi, li spiss jirrifjutaw li jikkonformaw mat-talbiet għad-<i>data</i> jew jissottomettu biss settijiet tad-<i>data</i> mhux kompluti. Id-diffikultajiet fil-kondiviżjoni tad-<i>data</i> huma dovuti għal: i) skemi ta' reġistrazzjoni ineffiċjenti u diverġenti ġestiti mill-awtoritajiet pubbliċi (li għalhekk ma jistgħux jiksibu b'mod effiċjenti <i>data</i> ta' identifikazzjoni għall-ospitanti u għall-entrati); ii) nuqqas ta' oqfsa legali effettivi u infurzabbli, ta' standards u ta' għodod għall-kondiviżjoni tad-<i>data</i> fost il-pjattaformi u l-awtoritajiet pubbliċi; u iii) in-nuqqas ta' qafas legali xieraq li jirregola t-trasparenza u l-kondiviżjoni tad-<i>data</i>. Il-problemi identifikati għandhom dimensjoni qawwija tal-UE. Għall-pjattaformi, li normalment joperaw bejn il-fruntieri, id-diverġenza u l-kumplessità tar-regoli u tat-talbiet għad-<i>data</i> jimminaw il-kapaċità tagħhom li joffru servizzi fis-suq uniku. Madwar l-UE, l-awtoritajiet pubbliċi li jeħtieġu <i>data</i> dwar l-STRs jiffaċċjaw diffikultajiet simili sabiex jiksibu <i>data</i> ta' kwalità b'mod effiċjenti. Għalhekk, hemm sejħiet qawwija għal azzjoni tal-UE, b'mod partikolari fil-perkors ta' tranżizzjoni għat-turiżmu u fl-aġenda urbana. Din l-inizjattiva hija parti mill-istrateġija tal-UE dwar l-SMEs - minħabba l-ħtieġa tal-ħafna atturi SMEs fis-segment tal-STRs, inklużi l-pjattaformi, għal soluzzjonijiet.
X'għandu jinkiseb?
Din l-inizjattiva għandha ttejjeb it-trasparenza fis-segment tal-STRs, li hija neċessarja sabiex tiġi promossa ekosistema bbilanċjata tat-turiżmu. B'mod speċifiku, l-inizjattiva għandha l-għan li tnaqqas il-piżijiet fuq il-pjattaformi online kkawżati minn rekwiżiti frammentati u kumplessi dwar il-kondiviżjoni tad-<i>data</i> u t-trasparenza. Għandha wkoll l-għan li tiżgura li l-awtoritajiet pubbliċi jkollhom id-<i>data</i> li jeħtieġu sabiex ifasslu u jinfurzaw politiki xierqa dwar l-STRs.
X'inhu l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE (is-sussidjarjetà)?
Hija meħtieġa azzjoni fil-livell tal-UE sabiex jingħelbu l-problemi relatati ma' sforzi frammentati, impenjattivi u ineffiċjenti sabiex tiġi ġġenerata u kondiviża d-<i>data</i> dwar l-STRs. Il-pjattaformi online jeħtieġu qafas fil-livell tal-UE għad-<i>data</i> sabiex ikunu jistgħu jiksibu prosperità fis-suq uniku u sabiex ikun żgurat li jikkonformaw mar-regolamenti tal-UE meta jittrattaw talbiet għall-kondiviżjoni tad-<i>data</i>. L-awtoritajiet pubbliċi madwar l-UE jeħtieġu wkoll qafas ċar fil-livell tal-UE sabiex ikunu jistgħu jiksibu d-<i>data</i> li jeħtieġu (is-soluzzjonijiet nazzjonali spiss urew li huma ineffiċjenti). Il-qafas tal-UE ma jkunx jaffettwa l-kapaċità tal-awtoritajiet li jimmaniġġjaw l-STRs fil-lokalità tagħhom hekk kif iħossu li jkun xieraq - jew il-kompetenzi tagħhom f'oqsma bħall-ippjanar urban u s-saħħa.
B. Soluzzjonijiet
X'inhuma d-diversi opzjonijiet sabiex jintlaħqu l-oġettivi? Hemm opzjoni ppreferuta jew le? Jekk le, għaliex?
Minbarra x-xenarju bażi li jinvolvi approċċ ta' "ebda bidla fil-politika", l-inizjattiva tidentifika tliet opzjonijiet ta' politika. L-opzjoni 1 tipproponi miżuri mhux vinkolanti għall-promozzjoni tal-ġenerazzjoni tad-<i>data</i> u tal-kondiviżjoni tad-<i>data</i>. L-opzjoni 2 tikkonsisti f'qafas leġiżlattiv tal-UE li fih approċċ komuni għall-ġenerazzjoni tad-<i>data</i> u għall-kondiviżjoni tad-<i>data</i>. Tirrikjedi li l-awtoritajiet pubbliċi li jridu d-<i>data</i> dwar l-STRs jimmaniġġjaw is-sistemi ta' reġistrazzjoni għall-ospitanti (li jinvolvu l-għoti ta' numru ta' reġistrazzjoni uniku għal kull entrata). Sistemi ta' reġistrazzjoni bħal dawn jistgħu jiġu ġestiti fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali, iżda jeħtieġ li jkun konsistenti ma' mudell tal-UE (li fih xi rekwiżiti proċedurali u sostantivi). L-awtoritajiet pubbliċi jeħtieġilhom jipprevedu wkoll Punt Uniku ta' Dħul Diġitali li joffri informazzjoni li l-pjattaformi u l-ospitanti jeħtieġu, u jippermetti lil-ospitanti jtemmu l-formalitajiet online. Il-pjattaformi se jkun meħtieġa jippermettu l-wiri tan-numri ta'

reġistrazzjoni u jaqsmu (permezz ta' Punt Uniku ta' Dħul Diġitali) sett magħluq ta' <i>data</i> dwar l-attività mal-awtoritajiet pubbliċi li għandhom skemi ta' reġistrazzjoni. Pjattaformi żgħar u mikro b'attività limitata se jibbenefikaw minn rekwiżiti aktar laxki dwar il-kondiviżjoni tad-<i>data</i>. L-opzjoni 3 tikkonsisti fl-istess miżuri bħall-opzjoni 2, iżda hija usa' fil-kamp ta' applikazzjoni u fl-intensità, minħabba li tkun teħtieġ il-ħolqien ta' skemi nazzjonali ta' reġistrazzjoni sabiex tiġi żgurata r-reġistrazzjoni tal-ospitanti kollha madwar l-UE. L-opzjoni 2 hija l-opzjoni ppreferuta, minħabba li tiżgura t-trasparenza u l-kondiviżjoni tad-<i>data</i> dwar l-attività tal-STRs mill-pjattaformi b'mod effettiv, iżda tippermetti lill-awtoritajiet reġjonali/lokali jiddeċiedu jekk jeħtiġux <i>data</i> u x'tip ta' <i>data</i> jistgħu jiksibu meta jeħtieġu li l-ospitanti jirreġistraw (identifikazzjoni tal-ospitanti u tal-unità).
X'inhuma l-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati differenti? Liema għażla u min jappoġġaha? Il-partijiet ikkonċernati kollha, inklużi l-assoċjazzjonijiet tar-residenti, ikkonfermaw l-appoġġ mifrux tagħhom għal qafas aktar armonizzat ta' kondiviżjoni tad-<i>data</i> bejn l-awtoritajiet pubbliċi u l-pjattaformi online, u għal skemi ta' reġistrazzjoni aktar armonizzati madwar l-UE. 4 875 minn 5 695 risponent totali (85,6 %) fil-konsultazzjoni pubblika jemmnu li għodod bħal dawn għandhom jiġu stabbiliti u/jew iffaċilitati fil-livell tal-UE. L-awtoritajiet pubbliċi u l-pjattaformi online enfasizzaw il-kapaċità limitata ta' approċċi mhux vinkolanti sabiex tinkiseb it-trasparenza u jittejbu l-proċessi tal-kondiviżjoni tad-<i>data</i>. L-awtoritajiet pubbliċi, il-pjattaformi online u l-ospitanti jaqblu dwar il-miżuri skont l-opzjonijiet 2 u 3. L-awtoritajiet pubbliċi u l-ospitanti jappoġġaw l-opzjoni 2, minħabba li tħalli diskrezzjoni lill-awtoritajiet pubbliċi u tnaqqas l-impatt tal-obbligu ta' reġistrazzjoni fuq l-ospitanti. Il-pjattaformi online jippreferu l-opzjoni 3, minħabba li tkun tarmonizza l-obbligu ta' reġistrazzjoni madwar l-UE u tagħmilha aktar faċli li jintwerew in-numri ta' reġistrazzjoni u li tiġi kondiviża d-<i>data</i> (li tapplika għall-ospitanti kollha madwar l-UE u mhux biss f'żoni partikolari). L-NGOs, l-assoċjazzjonijiet tar-residenti, u fornituri ta' servizzi oħrajn bħal-lukandi jippreferu l-grad massimu ta' trasparenza u ta' kondiviżjoni tad-<i>data</i> mill-pjattaformi.
Ċ. Impatti tal-għażla ppreferuta
X'inhuma l-benefiċċji tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)? Il-pjattaformi online jibbenefikaw ekonomikament mill-iffrankar tal-kostijiet relatat mas-sostituzzjoni ta' talbiet għad-<i>data</i> mhux koordinati b'approċċ ħafna aktar simplifikat, minħabba li dan inaqqas il-kostijiet tal-konformità u jżid iċ-ċertezza legali. Huwa stmat li l-iffrankar għall-pjattaformi online fuq perjodu ta' 5 snin jammonta għal bejn EUR 54 u EUR 115-il miljun. L-awtoritajiet pubbliċi jibbenefikaw ukoll minn aktar ċertezza legali u ffrankar tal-kostijiet (ladarba s-sistema l-ġdida tkun fis-seħħ, se jkun hemm dħul regolari ta' <i>data</i> mill-pjattaformi b'kost baxx ħafna għall-awtoritajiet). L-ospitanti jibbenefikaw minn skemi ta' reġistrazzjoni aktar faċli għall-utent u anqas onerużi. Abbażi ta' stimi moderati, jista' jkun possibbli li jiġu ffrankati aktar minn EUR 1 480 miljun (il-monetizzazzjoni tal-ħin iffrankat fil-proċess ta' reġistrazzjoni) għall-ospitanti l-ġodda li se jkunu qegħdin jibdew l-attivitajiet tagħhom (u għalhekk jeħtieġ li jirreġistraw f'dawk iż-żoni) fl-ewwel 5 snin wara l-implimentazzjoni. Se jkun hemm ukoll benefiċċji ekonomiċi indiretti oħrajn għal grupp usa' ta' atturi (eż. il-lukandi se jibbenefikaw minn kompetizzjoni anqas inġusta, minħabba li l-awtoritajiet pubbliċi se jkunu jistgħu jirregolaw u jinfurzwaw aħjar ir-regoli dwar l-STRs). Il-benefiċċji soċjali u ambjentali se jiġu prinċipalment mill-kapaċità akbar tal-awtoritajiet pubbliċi sabiex jimmaniġġjaw it-turiżmu u l-effetti tal-STRs fuq il-komunitajiet lokali, fuq l-ambjent u fuq l-ekosistema turistika usa'. Din l-inizjattiva se ttejjeb ukoll il-protezzjoni tad-<i>data</i> personali.
X'inhuma l-kostijiet tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)? Il-kostijiet għall-pjattaformi online se jkunu prinċipalment il-kostijiet amministrattivi ta' darba għall-adattament tal-infrastruttura tal-IT tagħhom u għall-konnessjoni mal-Punt Uniku ta' Dħul Diġitali (dawn huma stmati għal madwar EUR 30 000 għal kull pjattaforma online), filwaqt li l-kostijiet annwali tal-manutenzjoni huma stmati għal EUR 36 000. Skont dawn l-ipoteżijiet, il-kostijiet amministrattivi totali ta' darba huma stmati għal madwar EUR 8,2 miljun, filwaqt li l-manutenzjoni annwali fuq perjodu ta' ħames snin se tammonta għal total ta' EUR 10 miljun. Għall-intrapriżi żgħar u mikro li jikkwalifikaw għall-obbligi ta' rapportar anqas stretti, il-kostijiet huma stmati għal EUR 2 400 fis-sena. Dawn il-kostijiet x'aktarx li jiġu kkompensati mill-iffrankar miksub mit-tnaqqis taż-żmien użat fl-ipproċessar ta' talbiet mhux ikkoordinati u varjati għall-kondiviżjoni tad-<i>data</i> u l-kontestazzjoni tagħhom fil-qorti. L-awtoritajiet pubbliċi li jimplimentaw il-qafas se jġarrbu kostijiet amministrattivi ta' darba (stmati għal EUR 3 miljun) sabiex jadattaw għas-sistema l-ġdida ta' reġistrazzjoni u għall-Punt Uniku ta' Dħul Diġitali. Il-kostijiet annwali tal-hosting u tal-manutenzjoni tal-infrastruttura tal-IT huma stmati għal EUR 96 000 għal kull Stat Membru, għal kost totali ta' EUR 2,4 miljun. Meta l-qafas jiġi implimentat fil-livell reġjonali jew lokali, il-kostijiet għas-sistema ta' reġistrazzjoni u l-konnessjonijiet mal-Punt Uniku ta' Dħul Diġitali Nazzjonali jiġġarrbu mill-awtoritajiet rilevanti. Fuq il-bażi tal-istimi tagħna, huwa possibbli li jiġi previst kost kumulattiv ta' darba għall-awtoritajiet reġjonali jew lokali ta' madwar EUR 3,6 miljun u kost annwali kumulattiv għall-hosting u għall-manutenzjoni ta' madwar EUR 4,3 miljun.
X'inhuma l-impatti fuq l-SMEs u l-kompetittività?

Is-segment tal-STRs u l-ekosistema tat-turiżmu għandhom isiru aktar kompetittivi. Dan se jkun ta' benefiċċju għall-ospitanti u għal fornituri oħrajn ta' servizzi. Il-pjattaformi online, li huma l-aktar SMEs, u l-ospitanti se jibbenefikaw direttament minn qafas tal-UE simplifikat u awtomatizzat għall-kondiviżjoni tad- <i>data</i> . Pjattaformi żgħar u mikro online se jibbenefikaw direttament minn sistema anqas stretta ta' kondiviżjoni tad- <i>data</i> . Atturi oħrajn tat-turiżmu se jibbenefikaw indirettament minn trasparenza u minn prevedibbiltà akbar. Il-partijiet kollha se jkunu jistgħu jallokaw aħjar ir-riżorsi, itejbu l-proċessi, ikabbru jew jespandu, u jinnovaw (eż. jistabbilixxu servizzi ġodda).
Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?
Il-kostijiet amministrattivi, tal-hosting u tal-manutenzjoni għall-awtoritajiet pubbliċi huma ppreżentati aktar 'il fuq. Dawn il-kostijiet fuq terminu qasir huma mistennijin jiġu kkompensati mill-benefiċċji fit-tul li l-qafas se jgħib għall-awtoritajiet pubbliċi f'termini ta' titjib fiż-żmien u fl-effiċjenza (ġbir tad- <i>data</i> u infurzar iffaċilitati).
Se jkun hemm impatti sinifikanti oħrajn?
Ma ġie identifikat l-ebda impatt sinifikanti ieħor.
Proporzjonalità?
Il-miżuri jindirizzaw l-oġettivi b'mod proporzjonali. L-opzjonijiet li joħolqu piżijiet u kostijiet sproporzjonati twarrbu.
D. Segwitu
Meta se tiġi rieżaminata l-politika?
Ir-Regolament se jiġi rieżaminat permezz ta' evalwazzjoni ħames (5) snin wara li jsir effettiv (se jkun hemm perjodu ta' tranżizzjoni ta' sentejn mid- <i>data</i> tal-adozzjoni).